**ŻWIEĠ BLA DIVORZJU – SKEMA 4**

FATTI U FIGURI DWAR MALTA

---

1.1 F'Malta kulħadd isemmi li għandna problema fil-familji. Għandna ideja kemm hi kbira din il-problema? Dawn huma l-figuri li nsibu fl-aħħar żewġ censimenti:

| **Sena** | **Popolazzjoni** | **Individwi Miżżewwġin** | **Bi Żwieġ imkisser** | **% tal-Popolazzjoni Separati** | **% tal-Miżżewwġin Separati** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1995 | 378,132 | 181,875 | 5,098 | 1.35 | 2.80 |
| 2005 | 404,962 | 193,523 | 13,354 | 3.30 | 6.83 |

1.2 Surveys oħra li jeżistu juruna li f'Malta ż-żwieġ huwa ħafna aktar b'saħħtu minn pajjiżi oħra :

| | **% tal-Popolazzjoni Separati** | **% tal-Miżżewwġin Separati** |
|---|---|---|
| NSO Census 1995 | 1.35% | 2.80% |
| NSO Lifestyle 2003 | 1.4% | 3.58% |
| NSO Census 2005 | 3.30% | 6.83% |
| NSO Lifestyle 2007 | 3.0% | 5.41% |
| Health Interview Survey 2008 | 3.8% | 6.47% |

1.3 Dawn il-figuri juruna ritratt tas-sitwazzjoni generali li

- Minkejja li r-rata tat-twelid naqset, il-popolazzjoni żdiedet b'27 elf.
- F'dawn l-10 snin, in-numru ta' persuni separati aktar minn irdoppja u sar 7% tal-miżżewwġin
- Waqt li rridu nammettu li għandna problema u kull żwieġ li jitkisser iġib ħafna uġiegħ, tajjeb ninnutaw li mill-anqas 93% taż-żwiġijiet huma sħaħ. Dan huwa differenti ħafna minn pajjiżi fejn hemm id-divorzju fejn ir-rata ta' tkisser hija madwar 50%.
- Xi wħud igħidulek imma bosta mhumiex separati imma mhux kuntenti. Dwar dan ara ftit par. 3.
- Ikun importanti li nkunu nafu liema żwiġijiet qed jitkissru (ġodda? Fil-ħajja tan-nofs? eċċ.)

2. Xi wħud igħidu li <u>ħafna</u> minn dawk li jisseparaw diġa jgħixu ma' ħaddieħor u għandhom l-ulied. Dan veru?

2.1 NSO *Lifestyle Survey* 2003 (Tabella 2 paġna 3) jgħid li 6960 huma divorzjati jew annullati jew separati. Tabella 4 paġna 4 tgħidilna li minn dawn 1,300 (18.7%) qed igħxu ma' *partner*. Din hija t-tabella bit-tagħrif sħiħ:

| Status | Jikkoabitaw | | Ma jikkoabitawx | | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | No. | % | No. | % | |
| Single | 4340 | 5.9 | 69150 | 94.1 | 73500 |
| Div/ann. Separati | 1300 | 18.7 | 5660 | 81.3 | 6960 |
| Romol mhux miżżewwġin | 350 | 2.0 | 17530 | 98.0 | 17880 |
| Total | 5990 | 6.1 | 92340 | 93.9 | 98330 |

2.2 Iċ-Censiment 2005 jagħtina dan it-tagħrif:

- ✓ 2538 iddikjaraw r-relazzjoni tagħhom ma' *reference person* bħala *unmarried partner;*
- ✓ Mela persuni jikkoabitaw iddikjaraw 2538 x 2 = 5076.
- ✓ Dan ifisser li minn 13,354 persuna separata, il-massimu ta' dawk li qed igħxu f'relazzjoni oħra stabbli huwa 5076;
- ✓ X'aktarx li dan in-numru huwa anqas, għaliex żgur jeżistu persuni li qed jikkoabitaw ma' persuni li qatt ma kienu miżżewwġin

2.3 NSO *Lifestyle Survey* 2007 jgħid li

- ✓ 10,596 separati
- ✓ 6,073 jikkoabitaw, imma ma jgħidx kemm minnhom kienu diġa miżżewwġin.

3. Il-koppji miżżewwġin, huma kuntenti fiż-żwieġ tagħhom? Mill-istatistika ma jistax ikollna tweġiba ġenerali, imma jista' jkollna l-medja mqabbla ma stati oħra tal-ħajja.

3.1 Kwalita` tal-Ħajja.
Veru li l-kwalita` tal-ħajja mhux bilfors turi kuntentizza imma hemm rabta.
NSO Lifestyle 2007[1] jagħti l-livell tal-kwalita` tal-ħajja skond l-istati differenti:

---
[1] Tabella 141 paġna 120

| | |
|---|---|
| Miżżewwġin | 2.5 |
| *Single* | 2.4 |
| Divorzjati/annullati/separati | 2.6 |
| Romol | 2.6 |
| Koabitanti | 2.9 |

3.2 Soddisfazzjon fir-Relazzjoni

L-istess riċerka eżaminat ukol il-livell ta' soddisfazzjon tal-individwu fir-relazzjoni li għandhom[2].

| | |
|---|---|
| Miżżewwġin | 1.6 |
| *Single* | 1.6 |
| Divorzjati/annullati/separati | 2.0 |
| Romol | 2.7 |
| Koabitanti | 1.8 |

F'dawn iż-żewġ tabelli il-kejl huwa minn 1 sa 5 fejn 1 ifisser tajjeb ħafna u 5 ifisser ħażin ħafna. Mal-kategorija "koabitanti", l-NSO għamel nota li dawn huma *under-represented and therefore should be treated with caution*. Din hija rimarka teknika wżata fl-istatistika li turi li mis-*sample* studjat irriżulta li ftit huma ftit il-kategorija partikolari. Naħseb li xorta wieħed jista' jistaqsi, "Għaliex irriżulta li huma *underestimated*? Għax mhumiex ħafna daqs kemm għandhom l-ideja xi wħud?

3.3 L-istess Rapport jeżamina l-kuntentizza tal-persuni fir-relazzjoni li qegħdin fiha[3]. U dan juri livell għoli ta' soddisfazzjon. Għalkemm ir-Rapport ma jiddistingwiex jekk din ir-relazzjoni hijiex żwieġ jew koabitazzjoni, 62.7 fil-mija tal-popolazzjoni huma miżżewwġin u 1.9 fil-mija huma koabitanti u għalhekk nistgħu nikkonkludu iil-kwalita' ta' relazzjoni tal-miżżewwġin:

| | **Numru** | **%** |
|---|---|---|
| Soddisfatti ħafna | 139,171 | 44.6 |
| Soddisfatti | 80,605 | 25.8 |
| La soddisfatti u l-anqas mhux soddisfatti | 19,994 | 6.4 |
| Mhux soddisfatti | 4,667 | 1.5 |
| Mhux f'relazzjoni | 64,306 | 20.6 |
| | 312,079 | 100 |

Jekk minn dan il-kalkolu nneħħu dawk li mhumiex f'relazzjoni, u hekk suppost isir la qed inkejlu l-livell ta' kuntentizza fir-relazzjoni, il-fatt li l-

[2] Tabella 159 paħna 129
[3] Tabella 154 paġna 127.

koppji miżżewwġin huma kuntenti joħroġ aktar ċar għaliex il-persentaġġ jogħla b'mod sewwa:

| | **Numru** | **%** |
|---|---|---|
| Soddisfatti ħafna | 139,171 | 57.9 |
| Soddisfatti | 80,605 | 33.0 |
| La soddisfatti u l-anqas mhux soddisfatti | 19,994 | 8.2 |
| Mhux soddisfatti | 4,667 | 1.9 |
| | 244437 | 100 |

4. Iż-Zwieġ Ċivili

Ta' min jagħmel riflessjoni qasira fuq iż-zjieda ta' żwiġijiet f'pajjizna li qed isiru biss bil-forma ċivili. Kultant din iż-żjieda tinġieb bħala argument li hawn numru li mhux jiċċelebra żwieġ reliġjuż. L-NSO jagħtina tagħrif sħiħ għas-snin 2004-2008:

| SENA | TOTAL | CIVIL | IT-TNEJN MALTESE | GĦARUS MALTI | GĦARUSA MALTIJA | BIL-MALTIN |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2004 | 2402 | 756 | 105 | 140 | 119 | 364 |
| 2005 | 2374 | 779 | 100 | 138 | 90 | 328 |
| 2006 | 2536 | 859 | 98 | 120 | 84 | 302 |
| 2007 | 2479 | 867 | 122 | 136 | 91 | 349 |
| 2008 | 2482 | 840 | 107 | 117 | 76 | 300 |

Dawn il-figuri juru li aktar minn nofs taż-żwiġijiet ċivili jsiru minn persuni barranin li mhumiex residenti Malta u għalhekk ma jaffettwawx il-qafas soċjo-reliġjuż ta' pajjiżna. Dettal ieħor importanti huwa li numru sewwa mill-Maltin wara xi żmien fi żwieġ ċivili jiċċelebraw żwieġ reliġjuż ukoll. L-Uffiċċju taż-Żwiġijiet ta' l-Arċidjoċesi għandu dan it-tagħrif dwar dawn:

| SENA | TOTAL | -1 SENA | 1-5 | 6-10 | 11-20 |
|---|---|---|---|---|---|
| 2004 | 52 | | 48 | 3 | 1 |
| 2005 | 56 | | 51 | 3 | 1 |
| 2006 | 55 | | 44 | 7 | 4 |
| 2007 | 56 | 20 | 20 | 6 | 1 |
| 2008 | 67 | 18 | 39 | 6 | 4 |
| 2009 | 48 | 16 | 21 | 2 | 9 |
| 2010 | 57 | 24 | 27 | 4 | 2 |

Dun A. Gouder